

32005D0104

5.2.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 33/71

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Frar 2005

**li temenda d-Deċiżjoni 2002/300/KE li tistabbilixxi l-lista ta' żoni approvati fir-rigward tal-Bonamia ostreae u/jew il-Marteilia refringens**

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 217)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/104/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimal li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta' annimali u prodotti akwakulturali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300/KE tat-18 ta' April 2002 li tistabbilixxi l-lista ta' żoni approvati fir-rigward tal-Bonamia ostreae u/jew il-Marteilia refringens <sup>(2)</sup>, tistipula ż-żoni fil-Komunità meqjusa ħielsa mill-mard tal-molluski Bonamia ostreae u/jew Marteilia refringens.
- (2) Id-Danimarka tat ġustifikazzjonijiet għall-kisba ta' l-istatus ta' żona approvata fir-rigward tal-Bonamia ostreae u l-Marteilia refringens, għaż-żona ta' Limfjorden. Id-dokumentazzjoni provduta turi li ż-żona tilħaq il-ħtijiet tad-Direttiva 91/67/KEE. Hi għalhekk tikkwalifika għall-istatus ta' żona approvata u għandha tkun miżjuda mal-lista ta'żoni approvati stipulati fid-Deċiżjoni 2002/300/KE.
- (3) Minbarra dan, l-Irlanda ressqet talba biex issir emenda għal-lista ta' żoni fl-Irlanda approvati fir-rigward tal-Bonamia ostreae fid-Deċiżjoni 2002/300/KE, sabiex id-deskrizzjoni ġeografika f'waħda miż-żoni affettwati minn dik il-marda tkun iktar preċiża. Skond dan, id-deskriz-

zjoni "Logmore, Belmullet" għandha tinbidel għal "Loughmore, Blacksod Bay"

- (4) Id-Deċiżjoni 2002/300/KE għandha tiġi emendata skond dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il- Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2002/300/KE huwa mibdul bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-3 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-6.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 103, tad-19.4.2002, p. 24. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/729/KE (ĠU L 262, ta'-14.10.2003, p. 37).

## ANNEX

## "ANNEX

**ŻONI APPROVATI GĦAL WAĦDA JEW IŻJED MILL-MARD TAL-MOLLUSKI BONAMIA OSTREAE U MARTEILIA REFRINGENS****1.A. Żoni fl-Irlanda approvati b'rigward il-B. *Ostreae***

- Il-kosta kollha ta' l-Irlanda minbarra s-sitt żoni li ġejjin:
  - Cork Harbour
  - Galway Bay
  - Ballinacill Harbour
  - Clew Bay
  - Achill Sound
  - Logmore, Belmullet

**1.B. Żoni fl-Irlanda approvati fir-rigward tal-B. *Ostreae***

- Il-kosta kollha ta' l-Irlanda

**2.A. Żoni fir-Renju Unit, iċ-Channel Islands u l-Isle of Man approvati fir-rigward tal-B. *Ostreae***

- Il-kosta kollha ta' l-Irlanda minbarra ż-żoni li ġejjin:
  - il-kosta tan-Nofsinhar ta' Cornwall minn Lizard sa Start Point
  - iż-żoni madwar l-estwarju ta' Solent minn Portland Bill għal Selsey Bill
  - iż-żona tul il-kosta ta' Essex minn Shoeburyness għal Landguard point.
- Il-kosta kollha ta' l-Irlanda
- Il-kosta kollha ta' Guernsey u Herm
- Iż-żona ta' l-Istati ta' Jersey: Iż-żona tikkonsisti miż-żona kostali ta' marea baxxa u immedjati bejn il-livell medjan ta' l-ilma għoli fuq il-Ġżira ta' Jersey u linja immaġinarja mfassla tliet mili nawtiċi mil-livell medjan ta' l-ilma baxx fuq il-Ġżira ta' Jersey. Iż-żona hija fil-Golf Normano-Brettonu, fin-naħa tan-Nofsinhar tal-Fliegu Inqliż
- Il-kosta kollha ta' l-Isle of Man

**2.B. Żoni fir-Renju Unit, iċ-Channel Islands u l-Isle of Man approvati fir-rigward tal-M. *Refringens***

- Il-kosta kollha tal-Gran Brittanja
- Il-kosta kollha ta' l-Irlanda ta' Fuq
- Il-kosta kollha ta' Guernsey u Herm

- Iż-żona ta' l-Istati ta' Jersey: Iż-żona tikkonsisti miż-żona kostali ta' marea baxxa u immedjati bejn il-livell medjan ta' l-ilma għoli fuq il-Ġżira ta' Jersey u linja immaġinarja mfaġġata tliet mili nawtiċi mil-livell medjan ta' l-ilma baxx fuq il-Ġżira ta' Jersey. Iż-żona hija fil-Golf Normano-Brettonu, fin-naħa tan-Nofsinhar tal-Flieggu Inġliż
- Il-kosta kollha ta' l-Isle of Man

3. **Żoni fid-Danimarka approvati fir-rigward tal-B. *Ostreae* u l-M. *Refringens***

- Limfjorden minn Thyborøn fil-punent għal Hals fil-lvant.”
-